**20 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Carmela mart Peter Demicoli

*versus*

Peter Demicoli

**Separazzjoni "difatto" — Kawtela għal alimenti futuri — Art. 752, 753 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Biex raġel miżżewweġ ikun ammess iwaqqaf il-manteniment lil martu jrid jipprova f'kawża ta' separazzjoni personali li hu jagħmel li hu rrikjamaha f'daru u dina naqset li tmur miegħu mingħajr ġusta kawża.*

*Jekk ir-raġel ma jagħmilx dan, il-mara tibqa' intitolata għall-manteniment anki jekk ma tippruvax il-mottiv li jiġġustifikaha titlaq mid-dar konjugali.*

***Meta tirrikorri l-ħtieġa, id-dritt tal-mara għall-alimenti futuri jista' jiġi kawtelat qabel l-iskadenza u l-kreditur jista' jesiġi mid-debitur kwalunkwe kawtela għall-ħlas tal-prestazzjonijiet futuri bażata fuq il-kriterju tal-valur tar-renta tas-sena ta' qabel immultiplikata għaxar darbiet.***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni; premess illi l-konvenut qiegħed jonqos mill-obbligu li jmantni lill-istanti; u premess illi l-instanti, fuq suspett fondat illi l-konvenut sejjer isiefer talbet u ottjeniet minn din il-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenut in kawtela tad-dritt tagħha għall-alimenti futuri — talbet illi l-konvenut (1) jiġi kkundannat jissomministra lill-attriċi, pensjoni alimentarja fl-ammont u taħt il-modalitajiet li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti; u (2) in kawtela tal-alimenti futuri, jiġu mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji biex jiġi assigurat l-ademp iment tal-obbligi tal-konvenut kif stabbiliti minn din l-istess Qorti fil-każ li l-konvenut isiefer bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-23 ta' Ottubru, 1965, kontra l-konvenut.

OMISSIS:

Li l-konvenut qiegħed isostni li mhux tenut imantni lill-attriċi, martu għaliex telqet mid-dar konjugali minn rajha u bla ebda raġuni valida;

Li biex il-konvenut ikun ammess iwaqqaf il-manteniment lill-martu jrid jipprova li huwa irrikjamaha f'daru u dina naqset li tmur miegħu mingħajr ġusta kawża;

Ikkunsidrat:

Li rriżulta li l-attriċi kienet tgħix l-Amerika ma' żewġha

u li f'Marzu 1961, il-konvenut bagħatha Malta, u minn dik in-nhar żammilha l-*manteniment*.

Li ma irriżulta minn ebda parti tal-proċess li l-konvenut qatt interpella lill-martu biex terġa' tmur miegħu; huwa stess iddikjara: "*Jiena qatt ma bgħatt għaliha minn mindu telqitni marti.*"

Li l-konvenut meta martu ġiet Malta, iddikjara ruħu bħala "*single*". Dana l-atteġġjament tal-konvenut, flimkien maċ-ċirkustanza li ħallsilha l-vjaġġ biex titilqu huma indizji suffiċjenti li minnhom wieħed għandu jinduċi l-konklużjoni li l-konvenut, mhux biss ma riedx jirrikjama lura f'daru lill-attriċi, iżda li lesta tenur ta' ħajja li qiesu qiegħed igħix bħal kieku mhux miżżewweġ.

Li, anqas ma rriżulta li l-konvenut qatt għamel xi tentativ biex iħajjar lill-martu terġa' tmur miegħu, billi jibgħatilha xi flus. Fil-kors kollu tal-allontanament tal-attriċi minn żewġha, dana allavolja kien jaqla' 150 dollaru fil-ġimgħa, għall-erba' snin sħaħ sallum qatt ma bagħtilha xejn. Del resto kien ikun inutili li l-konvenut jipprova jikkomuovi s-suscettibilità ta' martu, jekk huwa kien *jistedinha tmur miegħu bil-mod* arroganti, ironiku u inġurjuż li jidher mill-ittra tas-17 ta' Ottubru, 1960 esibita bħala Dok. YYY fil-proċess miktuba ftit żmien wara ż-żwieġ.

Ikkunsidrat:

Li hija ġurisrudenza ormai paċifika tal-Qrati tagħna li l-iedd tal-mara li tabbanduna d-dar ta' żewġha u tfittex ir-raġel biex imantniha ma jintilifx billi hija tajjeb jew ħażin tabbandunah jew taħrab mid-dar konjugali; iżda jintilef biss, jekk wara li żewġha jsejħilha biex terġa' tmur lura, hija tonqos li tagħmel hekk mingħajr ma jkollha dritt li ma tobdix. Imma

l-interpellazzjoni tar-raġel lill-mara trid tkun fis-sens li huwa jsejħilha lura f'daru, jiġifieri fid-dar konjugali (Kollez. XXXVII i, 130 u s-sentenzi riportati fiha). L-Imħallef Giovanni Pullicino, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 1915, fil-kawża "Salvatore *Mangion vs Giuseppe Formosa et*" irritjena: "*L'obbligo del* marito di mantenere la moglie perdura anche nella separazione di fatto tra i coniugi: stato irregolare a cui la legge non attribuisce alcun effetto giuridico; e sè il marito vuole esonerarsi da tale obbligo quando vi ha luogo, non ha che promuovere l'azione di separazione personale" (Kollez. XXII, i, 293). Fl-istess sens hija l-ġurisprudenza Taljana: "non potrebbe il marito opporre che l'allontanamento della moglie sia capriccioso, se non fece alcuna istanza per richiamarla" (Fadda, Art. 133 para. 45).

Li għalhekk l-attriċi tibqa' intitolata għall-manteniment anki jekk ma tippruvax il-motiv li iġġustifikaha titlaq mid-dar konjugali; raġuni li fil-każ in desamina, ma jistax jingħad li ma teżistix, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawna l-fatti:—

OMISSIS:

Li skond il-liġi (art. 3 (2) Kod. Ċiv.) ir-raġel hu fid-dmir li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu.

*Li irriżulta li l-konvenut jaqla' mija u ħamsin dollaru fil-*ġimgħa, u għandu elfejn dollaru imġemmgħin u meta kien jgħix ma' martu kien jagħtiha £13 fil-ġimgħa.

Li, mill-imsemmi salarju, wara li jħallas taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali oħra, jibqgħalu xi ħaġa fuq il-mitt (100) dollaru fil-ġimgħa.

Li ma rriżultax li l-attriċi qiegħda taħdem.

Li għalhekk il-konvenut huwa fil-posizzjoni li jmantni lil martu skond kif sejjer jiġi stabilit fid-dispositiv ta' dina s-sentenza.

Ikkunsidrat:

Li la darba l-attriċi hija intitolata għall-manteniment, u għandha kreditu għalih kontra żewġha, it-tieni talba tidher ġustifikata, billi jekk il-konvenut isiefer, kif *del resto ġia iddikjara li sejjer jagħmel*, il-pretensjoni tal-attriċi, kif kanonizzata illum, tista' tiġi elusa għar-rigward tal-alimenti futuri li l-konvenut huwa obbligat jissomministra lil martu.

Li, dana l-konċett huwa impernjat fuq il-prinċipju li "la domanda per alimenti comprende tutte le prestazioni periodiche la cui scadenza deve avvenire, finchè dura il diritto" (Kollez. XXIV, ii, 159), u dana allavolja d-dritt għall-prestazzjoni perjodika bħala kwalunkwe kreditu "a termine" ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien (art. 1115 Kod. Ċivili).

Li, għalhekk, meta tirrikorri l-ħtieġa, bħal fil-każ preżenti, dak l-istess dritt jista' jiġi kawtelat qabel l-iskadenza; u l-kreditur ta' prestazzjoni simili jista' jeżiġi mid-debitur kwalunkwe kawtela għal ħlas tal-prestazzjonijiet futuri, bażata fuq il-kriterju stabilit in kwantu għall-valur mill-art. 752 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jiddisponi, li jekk il-jedd li jkun vitalizju, jew għal żmien determinat, il-valur jiġi determinat mir-renta netta tas-sena ta' qabel *immultiplikata għaxar darbiet*. L-artikolu suċċessiv 753 jestendi dina r-regola għall-kawżi ta' manteniment.

Li huwa veru li l-imsemmija kriterji huma intiżi biex jiġi

stabilit il-valur tal-materja in kontestazzjoni, għall-fini tal-kompetenza, iżda l-adozzjoni ta' dana l-prinċipju ġiet kostantement rikonoxxuta mill-Qrati tagħna u applikata fil-proċeduri kawtelatorji, b'mod partikolari, fil-każ ta' alimenti. (Kollez. XXXIX, ii, 770).

Ikkunsidrat:

*Li* l-attriċi *mhijiex titlob* xi *forma speċjali* ta' *kawtela*; iżda billi l-konvenut ma rriżultax li għandu mezzi oħra hawn Malta biex jagħmel tajjeb għall-kreditu tal-attriċi, il-Qorti hija tal-fehma li l-unika kawtela li tista' tiġi ordnata f'dana l-każ, huwa d-depositu favur l-attriċi fir-Reġistru ta' dina l-Qorti ta' ammont globali kalkolat għaż-żmien previst fl-artikolu fuq ċitat; jew alternativament li jipproduċi garanzija bankarja lokali għall-istess ammont.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi (1) billi tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallsilha l-pensjoni alimentarja ta' għaxar *liri (£10) fil-ġimgħa mill-lum, bil-quddiem fid-dar tal*-abitazzjoni tagħha; u (2) tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut jiddeposita favur l-attriċi, fir-Reġistru ta' dina l-Qorti, in kawtela tal-ħlas tal-alimenti futuri fiż-żmien ħamest ijiem is-somma komplessiva ta' ħamest elef u mitejn lira sterlina (£5,200), jew jipproduċi fl-istess żmien garanzija bankarja lokali ekwivalenti għall-imsemmi ammont.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.